# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net

**IL-ĦADD, 31.7.11: IT-TMINTAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
Min jixtieq jagħti d-demm llum jista jmur fl-Isptar Generali bejn it-8.30a.m. u is-1.00p.m. Ħu miegħek l-I.D. Card.
**Fil-4.00-p.m.** quddiesa li fiha jiġa amministrat is-sagrament tal-Mgħamudija
**IT-TNEJN, 1.8.11: L-Ewwel Tnejn tax-Xahar**
**Fis-6.00p.m.** ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju
**IL-ĦAMIS, 4.8.11: L-Ewwel Ħamis tax-xahar**
**Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-Konfessur barrani għall-qrar.
**IL-ĠIMGĦA, 5.8.11: L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR**
Illum ikun hawn Ġesu' espost għall-Adorazzjoni tagħna, mit-8.00 sal-11.00a.m. u mit-3.30p.m. 'l quddiem.
Importanti ħafna li fil-ħinijiet kollha jkun hawn numru sabieh ta' persuni jitolbu quddiem Ġesu Ewkaristija.
**IS-SIBT, 6.8.11: FESTA TAT-TRASFIGURAZZJONI TAL-MULEJ. (IS-SALVATUR).**
Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa.
**Fil-5.00p.m.** Alexia Portelli u Ronald Debrincat se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u nawgurawlhom.
**IL-ĦADD, 7.8.11: ID-DSATAX-IL ĦADD TAS-SENA.**

## SUTTANA TAL-BEATU GWANNI PAWLU II PAPA.



Il-Ġimgħa, Is-Sibt u l-Ħadd, 5, 6, u 7 ta' Awissu se jkollna fostna s-Suttana tal-Beatu Gwanni Pawlu II. Din se tkun fil-knisja għad-devozzjoni tagħna.

## NIFIRĦU LIL DUN RENATO BORG

Fuq talba tal-Eċċellenza Tiegħu Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex, il-Papa għoġbu jaħtar lil Dun Renato Borg bħala Kappillan tiegħu bit-titlu ta' Monsinjur.
Dun Renato Borg barra l-ħidma tiegħu f'diversi oqsma fid-djoċesi ta' Għawdex, huwa għamel ukoll żmien twil bħala segretarju ta' l-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi .
Nifirħulu mill-qalb.

## BIS-SEHEM TA' KULĦADD…

Preparajna flimkien. Ħdimna flimkien. Ħassejna li l-festa hija tagħna lkoll. U ħadna pjaċir flimkien għax kien hemm is-sehem ta' kulħadd.
L-attendenza kbira tal-poplu Għawdxi għall-festa tagħna kien jidher ċar u l-kummenti kienu li kien hawn festa tassew sabieha u organizzata.
Iżda ma nistgħux nieqfu hawn biex nuru li kellna festa sabieħa. Irridu nħarsu wkoll lejn l-aspett spiritwali fejn tidħol l-attendenza għall-funzjonijiet tal-knisja u għas-sagramenti.
Hawn ma nistgħux ngħidu li l-poplu tagħna baqa' lura. F'kull okkażjoni l-parteċipazzjoni kien tinħass sew.
Nixtieq nirringrazzja lil kulħadd għas-sehem importanti biex tiġi organizzata l-festa. Nibda mil-ġbir tal-fondi, armar, lobgħob tan-nar, banda, servizzi fil-knisja, radju, u elf ħaġa oħra marbuta mal-festa.
J'Alla dan lispirtu ta' koperazzjoni u ħidma flimkien ikomplu jidher matul is-sena kollha f'kull sejħa li jagħmlilna l-Mulej.

## ĦARĠA GĦALL-MEMBRI TAL-KOR (Il-Kbar)

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Awissu. Tluq mil-Pjazza fis-7.30p.m.

### ĦARĠA GĦAL MALTA

Se ssir ħarġa għal Malta mal-Kumitat tal-Armar nhar l-Erbgħa 10 ta' Awissu, għall-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu.